# ID-DWELL F'MALTA (1)



**JOSEPH SERRACINO**



L-unur minn dejjem kien jitqies bħala l-bażi li fuqu titkejjel ir-reputazzjoni ta' kull individwu. L-unur jiġbor fih dak kollu li jagħmel lill-bniedem smat mis-soċjetà ta' madwaru u juri tabilħaqq il-kwalitajiet kollha li jippossjedji bħalma huma l-ġieħ, l-onestà u l-karattru tajjeb li jkollu kif ukoll il-qagħda soċjali tiegħu. Ħafna mit-tradizzjonijiet antiki li huma magħġunin intimament mal-ħajja familjari juruna ċar u tond, li f'kull kejl fejn jidħol ġieħ il-familja kien jieħu preferenza fuq kull ħaġa oħra, u minħabba hekk, missirijietna kienu jgħożżuh, jibżgħu għalih u ħażin għalih min jipprova jtebbagħhulhom jew ikasbarhulhom.

Qrajna bosta drabi kemm fl-imgħoddi n-nobbli u dawk kollha li kienu jippartjenu l-klassi għolja fis-soċjetà kienu jiddefendu unurhom u jippruvaw li żżommuh safi bħalma għamlu l-ġenerazzjonijiet ta' qabilhom. Antikament, f'bosta pajjiżi Ewropej kienet daħlet id-drawwa tad-dwell fost in-nobbli.

Il-kelma dwell ġejja mil-Latin "duellum" li tfisser kumbatt jew taqtigħa miftiehma bejn żewġ persuni bl-armi fil-preżenza ta' żewġ xhieda (parrini) b'wieħed għal kull naħa.

Id-dwell kif nafuh illum jaf il-bidu tiegħu fiż-Żminijiet tan-Nofs meta kienet daħlet l-użanza li għall-patrunanza ta' artijiet, konflitti ta' proprjetà u kontroversi fejn jidħol l-unur u ħtijiet ta' reati gravi kienu jinqatgħu bid-dwell.

Din id-drawwa sabet art fertili ħafna f'bosta pajjiżi u klandestinament saret il-mezz kif wieħed jieħu l-ġustizzja b'idejh u jiddefendi unuru jew ġieħ il-familja tiegħu permezz ta' konfrontazzjoni diretta bl-armi. Sfortunatament din id-drawwa wasslet biex ħonqot il-makna tal-ġustizzja li permezz tagħha kien isir il-ħaqq u saret biċċa għodda f'idejn in-nobbli li kienu jinqdew biha biex jissodisfaw irwieħhom bit-tixrid tad-demm u b'hekk jerġgħu jiksbu lura u jsaħħu l-unur li jkun ġie mtebba'. Normalment f'kull każ tad-dwell l-isfidant kellu d-dritt li jagħżel il-ħin, il-post u l-armi. Nafu wkoll li x-xabla u l-pistola minn dejjem kienu l-armi tradizzjonali li jintużaw fid-dwell u mid-dehra dejjem inżammet l-użanza li d-dwell isir filgħodu kmieni u f'postijiet imwarrbin.

Normalment kull dwell kien jispiċċa hekk kif wieħed mill-protagonisti jferi lill-avverasarju tiegħu (ħafif jew gravi) iżda niltaqgħu ma' każi oħra fejn id-dwell spiċċa fatali, b'wieħed mill-protagonisti jispiċċa maqtul. Għalkemm setgħu jintużaw diversi armi, ħafna huma tal-fehma li x-xabla kienet l-aktar arma popolari u mfittxija għad-dwell, kemm għax kienet arma komuni li wieħed seta' jsibha, jużaha u jipprattikaha faċilment, kif ukoll għax ir-riskju ta' mwiet kien rari, fejn b'feriment ħafif kien ikun biżżejjed biex id-dwell jieqaf.

Sintendi l-pistola kienet popolari wkoll – arma perikoluża ħafna, fejn il-protagonist minn 12-il pied bogħod kien jeħtieġlu biss li jipponta l-arma tiegħu lejn l-avversarju tiegħu, jimmira tajjeb, u ma l-għafsa tal-grillu toħroġ balla li kienet kapaċi toqtol jew tferi serjament bniedem mingħajr ma tersaq lejh.

B'danakollu, id-dwell biex wieħed jivvendika l-unur personali tiegħu qatt ma ġie legalizzat, anzi, għall-kuntrarju saru diversi liġijiet kontra tiegħu. Jgħidulek li din id-drawwa saret popolari fl-Ewropa meta r-Re Karlu ta' Spanja kien akkuża lil Franġisku ta' Franza li kien kiser it-trattat ta' paċi bejn iż-żewġ pajjiżi u sfidah għad-dwell, liema dwell ma sarx, iżda l-ħbiberija li kienet teżisti bejn iż-żewġ renjanti nbidlet f'pika li wass-let lill-pajjiżhom f'xifer ta' gwerra.

Din il-kwistjoni bejn iż-żewġ slaten kellha mpatt kbir fuq l-aristokratiċi ta' diversi pajjiżi, li nfluwenzati mill-element ta' patrijottiżmu tat il-bidu lil din id-drawwa li tul is-sekli ħasdet bosta vittmi.

Jgħidulek li fl-imgħoddi, meta l-valuri kienu għadhom b'saħħithom l-unur kien meqjus bħala xi relikwja sagra, meta kien jittabba', irrispettivament ta' min tkun il-ħtija, il-familja kollha kienet titlef ir-rispett, l-istima u l-qima li tkun tgawdi fis-soċjetà li tkun tagħmel parti minnha. Peress li l-unur, biex ngħid hekk kien speċi ta' barometru li jgħolli jew ibaxxi l-istima u l-ġieħ li wieħed kien igawdi, kemm is-sinjur kif ukoll il-fqir kienu jiddefenduh b'kull mezz possibbli, basta unurhom jibqa' intatt u safi f'għajnejn dawk ta' madwarhom.

Peress li s-suġġett ta' din is-sensiela qasira hi dwar id-dwell li sar matul il-ħakmiet tal-Ordni tal-Kavallieri u tal-Ingliżi fuq pajjiżna kemm mill-kavalieri kif ukoll minnies militarji jew b'xi konnessjoni mal-baħar, ħaġa tal-iskantament, il-Maltin ma jissemmew xejn. Tifhmunix ħażin! Ma rridx ngħid li l-Maltin kienu xi qaddisin u qatt ma kellhom xi jgħidu jew sfidaw lil xi kavallier għad-dwell, iżda aktarx, jekk ħadu sehem f'xi dwellijiet, kollox baqa' mistur.

Naħseb li riflessjoni qasira fuq dan il-perjodu tgħin ħafna biex wieħed jifhem aħjar il-qagħda soċjalment ħażina kif kienu jgħixu missirijietna fiż-żmien il-ħakma aktarx dittatorjali tal-Kavallieri, u li dwar dan il-perjodu qrajna bosta episodji.

Fiż-żmien il-ħakma ta' Ordni, il-poplu kien maqsum, il-kotra tal-poplu kienet fqira u bil-ġuħ waqt li l-ftit kienu sinjuri. Sintendi mal-ftit nobbli Maltin wieħed irid jgħodd ukoll il-Kavallieri u għadd ġmielu ta' familji sinjuri li kienu ġew mal-Kavallieri mill-gżira ta' Rodi u baqgħu jgħixu hawn f'pajjiżna.

Il-fqir kien nieqes minn kollox u għalhekk ma seta' jagħmel xejn kontra s-saħħa, is-setgħa u l-ġid tan-nobbli Maltin. Biex tkompli tagħqad, xi wħud mill-Kavallieri kienu suppervi, ribellużi, lagħba u xalaturi mill-kbar. Peress li l-Kavallieri kienu wild nobbli u kellhom il-poter warajhom, dawn kienu jippretendu li dejjem tgħaddi tagħhom. Għalhekk hawn wieħed kien jistaqsi: x'seta' jagħmel il-fqir kontra din l-arroganza?

L-imsejken kif jaf li ħajtu u ħobżu kien jiddependi minnhom, u li jagħmel x'jagħmel il-ħaqq kien dejjem favur tagħhom. Għalhekk ma kellux triq oħra għajr li jagħlaq ħalqu, iħalli rajh f'idejhom u jobdihom b'għajnejh magħluqa. Huwa kien jaf tajjeb li kontra dawn in-nies ma seta' joħodha qatt, u kull meta kien mitlub xi ħaġa minnhom, hu kellu ta' bilfors jobdihom inkella jkollu jħallas il-prezz li xi kultant kien ikun għoli ħafna!

Madankollu, il-fqir kien jitqatel għal unuru ma' min kien bħalu u daqsu fis-soċjetà ta' madwaru, iżda meta l-avversarju tiegħu kien ikun Kavallier, allura l-istorja kienet tkun differenti, anke meta l-każ kien jinvolvi membri tal-familja tiegħu. F'kelma waħda l-fqir kellu żewġ triqat x'jagħżel, jew jagħlaq ħalqu inkella jirriskja li jintefa' l-ħabs jew jgħaddi għomru jissara ma' xi moqdief fuq xi galjun tal-Ordni.

Kif jaf kulħadd, fuq din it-tema qawwija (l-unur) u fuq l-intriċċi u t-tentattivi li jsiru biex idgħajfuha jew iġarrfuha nkitbu diversi rumanzi sbieħ li hennew lill-antenati tagħna għal sigħat sħaħ. Saħansitra, anke fiċ-ċinematografija internazzjonali (l-aktar dawk ta' Hollywood), bosta diretturi ta' fama mondjali sfruttaw diversi rumanzi klassiċi u pproduċuhom f'films li kisbu popolarità kbira madwar id-dinja kollha. Dawn il-films, magħġunin b'doża qawwija ta' sentimentaliżmu bbażati fuq il-maniġġi u intriċċi msejsin fuq l-għira u l-vendetta, finalment twassal lill-protagonisti ta' kull storja għal xi dwell imdemmi bix-xwabel jew b'xi tip ta' armi oħrajn, dejjem skond l-isfond tal-pajjiż u l-epoka li fuqha tkun ibbażata l-istorja.

Għamilt riflessjoni fuq il-films, għax l-għeruq ta' ħafna mill-istejjer li naraw fihom huma bbażati fuq stejjer jew ġrajjiet li seħħew tabilħaqq, u toħroġ il-għaġeb, il-mara dejjem isibha l-perm ta' kull ġrajja u li finalment minħabba fiha jsir id-dwell. Rari li f'episodji ta' din ix-xeħta ma kinux mdaħħlin nisa għalkemm fil-każi li se nsemmu qatt ma jissemmew direttament.

Iżda l-istorja għallmitna, li xi wħud mill-Kavallieri li moħħhom kien biss fix-xalar u ftit li xejn kienu josservaw ir-regoli tal-Ordni, ma kinux isibuha bi kbira biex jisfidawh għad-dwell li min kien jipprova jieqfilhom jew jeħdilhom xi ħaġa li jqisuha li hi tagħhom. Ironikament, il-miġja tal-Kavallieri f'Malta ġabet magħha ħafna drawwiet sbieħ li komplew żejnu u saħħew t-tradizzjonijiet Maltin, iżda kif jiġri dejjem mas-sabiħ issib ukoll l-ikrah, fosthom il-vizzju tad-dwell.

*Tkompli f'ħarġa oħra*